MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 209/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Robert Vella)
Vs
Rosa Sammut
Omissis**

Il-Qorti

Rat l-akkuża dedotti kontra l-appellanti (detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 204455M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

Bejn l-1 ta' Settembru 2002 u l-11 ta' Settembru 2002, ġewwa l-Baħrija limiti tar-Rabat, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) Volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara, jew għarrqu ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara

tammonta għal iżjed minn ħamsin lira Maltija, iżda anqas minn ħames mitt lira Maltin (LM235) għad-detriment ta' Emanuel Micallef;

b) Volontarjament ħassru, jew għamlu hsara, jew għarrqu ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira Maltin, iżda anqas minn ħames mitt lira Maltin (Lm320) għad-detriment ta' Mario Meli;

c) Volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara, jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira Maltija, izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM160) ghad-detriment ta' Mario Giordmaina;

d) Ukoll talli bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara l-liġi, iżda biss biex jeżercitaw jedd li jippretendu li għandhom f'porzjon ta' art fil-Baħrija, ġiegħlu bl-awtorita tagħhom infushom, jew fixklu lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħlu fi ħwejjeġ ħaddieħor;

Lill-omissis waħdu talli rrenda ruħu recidiv b'sentenza mogħtija lilu nhar il-15 ta' Novembru 2001, Qorti tal-Appell.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' April, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni li kkaġunat ħsara volontarja fil-propjeta` ta' Mario Meli u ċioe` **dik immarkata bħala (b**) u kkundannatha ħames (5) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ġew sospiżi għal perjodu ta' sena. Il-Qorti ddikjarat lill-appellanti Rosa Sammut mhux ħatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfronti tagħha u konsegwentement illiberatha mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti ddikjarat lill-omissis mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfronti tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-28 ta' April, 2011, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevokha fejn sabitha hatja tal-akkuza mmarkata (b) u cioe` ħatja li volontarjament ħassret, jew għamlet ħsara, jew għarrqet ħwejjeġ ħaddiehor mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal iżjed minn ħamsin lira Maltija, iżda anqas minn ħames mitt lira Malta (LM320) ghad-detriment ta' Mario Meli, tikkonfermha f'dawk il-partijiet fejn illiberata mill-bqija tal-imputazzjonijiet fil-konfront taghha. Sussidjarjament, f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ghandha tigi konfermata, l-appellanti talbet lil din il-Qorti joghgobha tvarja l-piena inflitta ghal wahda aktar gusta u ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja biss li volontarjament hassret, jew ghamlet ħsara, jew għarrqet ħwejjeġ a detriment ta' Mario Meli fl-ammont ta' LM320.

Illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment tagħha li l-appellant għamlet l-imsemmija ħsara mhux għax raha l-kwerelant imma fuq ix-xhieda ta' certu Mario Schembri, persuna li tmur tikkaccja fl-għelieqi in kwistjoni, u ċertu Joseph Micallef.

Illi Mario Schembri in suċċint xehed li fl-10 ta' Settembru 2002 kien qiegħed għall-kaċċa fil-Bahrija u ra liż-żewġ imputati jkissru l-imnasab ta' Mario Meli. Qal ukoll li xi tliet kwarti wara li rahom ikissru gew il-Pulizija fuq il-post. Madankollu meta xehed in kontro-ezami hu qal li ghall-habta tat-8.00 a.m. jew id-9.00 a.m. ra lill-esponenti waħidha tkisser il-mansab ta' Mario Meli b'fies. Qal li damet tagħmel hekk madwar siegħa. L-esponenti hawnhekk tistieden lil din il-Qorti tevalwa l-verosimiljanza ta' din ix-xhieda u cioe` jekk persuna li qed tara lil xi hadd

ikisser mansab ma jcempilx tempestivament lill-Pulizija pero` joqghod jarha hekk tkisser! Tajjeb ukoll illi hawnhekk dina l-qorti tevalwa l-interessi li kellu dan ix-xhud, u cioe` li jkun jista` jeżerċita` l-passatemp tiegħu mingħajr ma jkun hemm il-gabilotti fl-inhawi.

Illi da parti tiegħu x-xhud l-iehor Joseph Micallef in ezami xehed li huwa kien qed jagħmel xi xogħol bil-gaffa fl-għalqa ta' Mario Schembri u ra lill-esponenti b'fies f'idejha u qaltlu biex jieqaf mix-xoghol u fil-fatt hekk għamel, żarma l-gaffa u telaq. Madankollu fl-istess nifs jgħid li hu telaq meta gew il-Pulizija. Iktar minn hekk, in kontro-ezami l-istess xhud jgħid li dakinhar kien qed jaħdem fl-għalqa ta' Mario Meli u ra lill-imputati fejn kien hu. Kuntrarjament ghal dak li sostna in eżami, hu qal li stenna ftit tal-ħin sabiex jiġi sid l-art iżda mbagħad telaq.

Illi minn ezami taz-zewg xhieda li l-Ewwel Qorti strahet fuqhom jirriżulta ċar illi hemm inkonsistenzi kbar fix-xhieda taghhom u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx certament tasal ghal dak il-konvinċiment morali rikjest fil-kamp penali biex issib htija fl-esponenti. L-inkonsistenza ta' dawn iż-żewġ xhieda kellha timmilita favur l-esponenti.

Illi di piu` u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib lill-imputata ħatja talli għamlet ħsara fil-propjeta` ta' Mario Meli stante t-titolu tiegħu fuq l-istess art ma gie ppruvat bl-ebda mod, u dan a differenza tal-kwerelanti l-ohra li esebew il-kuntratt ta' akkwist taghhom. Tali prova certament kienet tinkombi fuq il-prosekuzzjoni u in mankanza tagħha l-esponenti għandha tiġi liberata.

Illi l-esponenti tagħmel ukoll referenza għall-istqarrija rilaxxata minnha a tempo vergine fejn ċahdet illi kienet għamlet il-ħsarat mertu tal-akkuża. Din il-Qorti fl-udjenza se jkollha l-opportunita` li tapprezza l-istatura tal-esponenti li żgur ma tippermettiliex li twettaq dak li qed jigi addebitat lilha.

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja tal-argument dina l-Qorti kellha taqbel mal-konklużjoni li

waslet għaliha l-Ewwel Qorti, l-esponenti tissottometti li l-piena inflitta hija waħda esaġerata meta mqabbla mal-fattispecie tal-każ u ukoll meta wiehed jiehu in kunsiderazzjoni l-fedina penali netta taghha. L-esponenti hija xebba li ghamlet ghomorha tahdem fir-raba in kwistjoni u tiehu hsieb missierha li hu anzjan u qatt ma kellhx inkwiet ma hadd, u certament piena bhal dik inflitta mhix l-iktar waħda idonea fir-ċirkostanzi.

Ikkonsidrat

Illi l-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun waħda raġonevolment u legalment aċċettabbli.

Il-Qorti qed tirreferi b’mod partikolari għal dik il-parti tas-sentenza fejn hemm referenza għax-xhieda ta’ **Mario Schembri**. Dan xehed fit-22 t’Ottubru 2003 u in kontro-eżami fis-26 ta’ Novembru 2009. Fl-istess parti tas-sentenza hemm referenza għax-xhieda ta’ **Joseph Micallef** li xehed fit-22 t’Ottubru 2003 u imbagħad xehed in kontro-eżami fis-26 ta’ Novembru 2009.

Il-Qorti qed tagħti dawn id-dati għaliex fir-rikors tal-appell hemm sottomissjoni dwar inkonsistenzi fix-xhieda.. Bir-rispett kollu, l-inkonsistenzi huma minimi u bl-ebda mod ma jbiddlu l-verżjoni oriġinali tax-xhieda. It-tieni, din kienet proċedura sommarja u għalhekk il-kontro-eżami għandu jsir mill-ewwel u mhux sitt snin wara li wieħed ikun xehed. Jirriżulta l-istess meta ttella’ jixhed il-perit li għamel l-istimi tal-ħsarat. Dan beda jsib diffikulta’ jixhed in kontro-eżami fuq rapport li kien ħejja snin qabel.

Meta l-kontro-eżami ma jsirx dak il-ħin, mhux biss ix-xhud ma jkunx jista’ jiftakar x’xehed hu stess iżda wkoll kif ġraw eżattament il-fatti sitta jekk mhux seba’ snin qabel. Issa ilha sew li daħlet id-drawwa li l-kontro-eżami ma jsirx mill-ewwel. Din hija drawwa pprattikata fil-maġġoranza tal-kawżi li jġorru piena ta’ anqas minn erba’ snin priġunerija jew fejn l-Avukat Ġenerali jagħti l-artikoli. Din id-drawwa qed iġġib aktar telf ta’ ħin lix-xhieda u lill-Prosekuzzjoni li

tkun trid terġa' tinnotifika lix-xhieda mill-ġdid.  B'dan ukoll il-proċeduri jkomplu jitwalu.

Il-Qorti stess (li wirtet il-kawża minn għand Maġistrat ieħor) ħasset il-ħtieġa li kellha tiġbed l-attenzjoni lill-partijiet li l-kawża qed kienet titwal minħabba talbiet għal differimenti repetuti.  Żgur li min kien qed jippresiedi fil-kawża ma kellu ebda tort li l-proċedura damet tmien snin.

Mill-proċess jirriżulta li kienu ġew  trasferiti lil ħu l-appellanti fit-2 t'Ottubru 2001 l-qbiela ta' porzjonijiet tar-raba' li jinsabu fil-Baħrija, senjatament porzjonijiet raba' f'Tal-Planta, tal-Maxxat, u l-Blata tal-Melħ.  Is-sid attwali tagħhom dak iż-żmien kienet Eliza Company Limited li ma kinitx qed taċċetta l-ħlas tal-kera li għalhekk kien qed isir permezz ta' ċedola ta' depożitu.  L-imsemmija kumpanija kienet mgħarrfa bir-traferiment permezz ta' ittra uffiċjali (ara fol 203 u x-xhieda ta' Dr Chris Cilia).

Fil-proċess jinsabu wkoll kuntratti ta' bejgħ tal-art sar minn Eliza Company lis-Sur Emanuel Micallef (fol 50 u 74) u lis-sur Mario Giordimaina (fol 79) bil-pjanti dejjem mill-artijiet magħrufa bħala tal-Qlejgħa.  Fiż-żewġ kuntratti hemm imniżżel li:

'il-proprjeta' qegħda tiġi trasferita bil-vacant possession.' (ara fol 76 u 80),

Il-vacant possession hija distinta mill-pussess paċifiku.  L-ewwel espressjoni tfisser li l-post jew l-art huwa jew hija vojta u m'hemmx nies sew bħala ikwilini sew bla jedd.  It-tieni espressjoni tfisser li ħadd ma jista' jvanta xi titolu ta' projeta' (u mhux t'a sempliċi detenzjoni) fuq il-propjeta' in kwistjoni.

Fix-xhieda tiegħu tat-22 t'Ottubru 2003, Mario Schembri kien qal:

'Fl-10 ta' Settembru 2002 kont qiegħed il-Baħrija għall-kaċċa u rajt liż-żewġ imputati jkissru l-mansab ta' Mario Meli.  Xi tliet kwarti wara ġew il-pulizija fuq il-post, ħarġet l-imputata Rose Sammut u smajt lil Rosa Sammut tgħid lis-

surġenta 'inkisser kont u inkisser nibqa'. Dakinhar ma tkellimt ma' ħadd. Rosa Sammut dakinhar rajtha tkiseer il-masnab permezz ta' fies. Ngħid li mhux lilha biss rajt tkisser il-mansab, imma anke lil Omissis.' (fol 42).

Il-kontro eżami (a fol 132) l-istess xhud irrefera għal ħin bejn it-tmienja u d-disgħa ta' filgħodu li qal li rahom fuq il-mansab t'a Mario Meli. Hu kien sejjaħ lill-appellanti u qalilha biex ma tkomplix tkissru. Lil Mario Meli mhux hu kien qallu bit-tkissir tal-mansab iżda xi ħadd ieħor. A fol 137 huwa qal li Omissis ma kienx qed ikisser.
Joseph Micallef xehed fit-22 t'Ottubru, 2003 (fol 43) fejn qal:

'Għall-ħabta tal-aħħar t'Awwissu u l-bidu ta' Settembru tras-sena 2002 kien sejjaħlu Mario Meli biex inwittilu l-art tiegħu bil-gaffa. Mort u bdejt inwitti l-art ġewwa l-Baħrija bil-gaffa. Fil-pront rajt liż-żewġ imputati u qaltli 'Ieqaf, Ieqaf'. Jiena waqaft, tlaqt minn hemm bil-gaffa u hi bdiet tkisser l-imnasab u kulma bdiet tara bil-fies u taqla' r-razzi u l-klementi. Omissis ukoll beda jagħmel hekk. Imbagħad ġew il-Pulizija fuq il-post.'

Fil-kontro-eżami (a fol 139) (26 ta' Novembru 2009) huwa qal li kien qed jirranġa mansab ta' Mario Meli. Lill-appellanta u lil Omissis huwa rahom ikissru l-imnasab. Kien hemm xi tliet imnasab hemmhekk iżda kissruhom kollha. Ma setax jiftakar il-ħin iżda bejn wieħed u ieħor kienu l-10 ta' filgħodu. Huwa ma kien kellimhom xejn u qabad u telaq. Is-sid kein mar jurih jum qabel fjen kien ser jaħdimlu. Huwa reġa' afferma li ra lil Rosa tkisser. Kienu qabdu l-fisien u bdew ikissru l-imnasab.

Xehed ukoll Roderick Micallef a fol 48 li qal lis ema' lill-appellanti tgħid 'Jien kissirthom imnsaba u nibqa' nkisser.' L-għalqa kienet ta' missieru (Charles) u ta' zijuh Emmanuel Micallef.

Emanuel Micallef xehed ( 3 ta' Lulju 2003) li kien mar l-għassa jirrapporta t-tkissir tal-mansab iżda fir-rapport kien qal li ma kienx jaf min kien li kisser il-mansab. (fol 34). Huwa identifika l-għalqa tiegħu u li bejn l-10 u l-11 ta'

Settembru tas-sena 2002 kien sab ħsarat fl-imnasab. Kien ċempillu t-tifel ta' ħuh u kien qallu li kien hemm Omissis u l-appellanti li kienu qed ikissru l-imnasab. Huwa kien mar fuq il-post u sab lil sħabu, lil Omissis u lill-appellanti fuq il-post jitkellmu mal-Pulizija.

Fil-kontro-eżami ( 24 ta' Marzu 2010) huwa qal li s-soċjeta' Eliza Company ma kinitx għarrfitu li l-art kienet imqabbla. Huwa qal li kien it-tifel tiegħu li għarrfu bil-ħsara.

A fol 92 (8 ta' Marzu 2007) kien xehed Mario Meli li identifika l-art li għandu. (fol 92). Huwa kellu l-imnasab fir-raba' tiegħu u sabhom imkissrin.

Fil-kontro-eżami (fol 125) (9 t'Ottubru 2009) huwa qal li meta xtara l-art kien hemm berba' mnasab u imbaħgad żied erbgħa oħra. Meta Omissis u l-appelalnti kienu jidħlu ġo ħwejġu kien ikellimhom (fol 126). Hu kien ra l-affarijiet imkssrin.

A fol 96 xehed Mario Giordimaina li identifika l-art tiegħu. Dwar il-ħsarat li kienu saru kien qallu ħadd ieħor u ma rax hu direttament.

Fil-kontro–eżami (a fol 118) huwa qal li ma kienx ra sinjali li l-għalqa kienet qed tinħadem. Huwa kien xtara liberu u frank u ma kienx jaf għala qed jirrapportawh li qed jagħżaq jew inaddaf il-ħaxix. (fol 121).

Il-Perit Mannie Galea kien għamel stima tal-ħsarat. Fil-każ ta' Mario Meli din telgħet għal Lm320 (fol 26). L-istima kienet magħmula fit-30 ta' Settembru 2002). Fl-istimi huwa kien ikkonsidra wkoll l-iskariġġ tax-xogħol.

Wieħed jista' jirreferi wkoll għax-xhieda ta' Roderick Micallef (fol 48) fejn xehed hekk: 'Dak il-ħin Rosa bdiet tgħid jiena kissirthom b'referenza għall-imnasab u nkisser nibqa'.'

Da parti tal-appellanti din ċaħdet li għamlet xi ħsara meta għamlet l-istqarrija tagħha. Hija qalet li fak in-nhar kienet

rat xi nassaba fl-għalqa tagħha u għamlulha xi ħsara. Għalhekk hi kienet neħħiet ir-razzi fejn teħel il-lasta tax-xbiek ma jmorrux jonżbu hemm. Żiedt tgħid li hi ma tiflaħx ġġorr kantuni u ma setgħetx taqla' l-knaten li kienu mkaħħlin. L-appellanti qalet li kissret ebda mansab. (fol 25).

Ikkonsidrat.

Il-Qorti eżaminat il-proċess bir-reqqa u ma sabet ebda raġuni għala għandh tiddisturba l-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, jiġifieri li l-appellanti għamlet ħsara fi propjeta' ta' ħadd ieħor. Id-difiża ssottomettiet li ma kienx inġab il-kuntratt bħala l-aħjar prova li juri li Mario Meli kien sid l-art. Dwar dan din il-Qorti għandha dawn l-osservazzjonijiet:

(a) Mario Meli nnifsu identifika liema art hija tiegħu u l-Qorti m'għandhiex għalfejn taħseb li hemm xi nuqqas ta' verita' f'dak li qal. Tassew li għandha tinġieb l-aħjar prova iżda ma jfissirx li din tikkonsisti fil-preżentazzjoni tal-kuntratt biss.

(b) Dawn il-proċeduri mhumiex proċeduri dwar ta' min l-art u min hu inkwilin għax din mhix azzjoni ċivili. L-imputazzjoni (b) taċ-ċitazzjoni hija dwar **ħsara bħala reat** taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9. Żgur mhux dwar xi ħsara li saret lil xi proprjeta' tal-appellanti nnifisha iżda ħsara fil-propjeta' ta' ħadd ieħor li twettqet mill-appellanti. Ta' dan hemm żewġ xhieda li straħet fuqhom l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ma sabitx raġuni għala m'għandhiex tqishom affidabbli hi ukoll.

(ċ) L-użu tal-kliem 'Mario Schembri' flok 'Mario Meli' jidher li kien biss lapsus tax-xhud meta kien qed jiddeponi l-ewwel darba.

Id-difiża għamlet enfasi kbir fuq is-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha meta l-art kienet trasferita lil terzi. Iżda għal dan l-argument il-Liġi tipprovdi mhux li wieħed jaqbad u jieħu l-Liġi b'idejh iżda b'rimedju speċifiku fl-artikolu 535 tal-Kap 16 jew l-actio spolii. Din l-azzjoni tista' tintuża

wkoll minn wieħed li għandu biss i**d-detenzjoni** ta' mobbli jew immobbli. Min hu inkwilin huwa detentur u għalhekk isegwi li jekk wieħed għandu prova li hu kien spoljat jista' juża din l-azzjoni. U tant il-Leġislatur irid li l-affarijiet jimxu bis-sew u b'mod ċivili li lanqas jekk wieħed għandu mitt titolu u mitt raġun, jekk iwettaq spoll, l-ewwel irid jirriintegra lil ieħor u jġib is-sitwazzjoni lura għal pożizzjoni kif kienet qabel. L-intimat lanqas jista' jġib liema eċċezzjonijiet irid. Dan huwa dak li jitlob l-istat tad-dritt.

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

L-appellanti tissottometti li li l-piena kienet waħda eċċessiva. Il-Qorti eżaminat il-fedina penali tal-appellanti li hija netta u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Għalhekk ser tilqa' dan l-aggravju u ser tipprovdi dwaru fil-konklużjoni.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorablli Qorti fid-19 t'April, 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Rosa Sammut' billi tikkonfermha fil-parti fejn illiberat lill-appellanti mill-imputazzjonijiet (a), (ċ), (d) u fejn sabitha ħatja tal-imputazzjoni (b) u qed tbiddilha u tvarjha billi qed tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti għal ħames xhur priġunerija li kellhom jibqgħu sospiżi għal sena ai termini tal-artikolu 28A u minflok qed tilliberha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-appellanti l-artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------